

*Il-Kollezzjoni Programmi tal-Festa*

# Kollezzjoni speċjali fi ħdan il-Librerija tal-Junior College



**Minn Katja Zahra Camilleri**
**B.A. (Hons)(Melit.), M.A. (Leics.), Assistenta Librara**
**f'isem il-Librerija tal-Junior College, Università ta' Malta**

Fil-bidu tal-2019 waslu fil-Librerija tal-Junior College xi programmi tal-festa. Ilkoll kemm aħna ġieli ltqajna magħhom u dejjem ikkummentajna kemm għandhom artikli b'informazzjoni interessanti. Kien f'dak il-mument li nibtet l-idea li nibdew norganizzaw kollezzjoni b'dawn il-pubblikazzjonijiet.

L-għan ta' din il-kollezzjoni hu li jagħmel il-materjal, meqjus bħala Melitensia, aċċessibbli kemm għall-istudenti tal-Università, kif ukoll għar-riċerkaturi, storjografi u kull min għandu interess f'materjal bħal dan. Dawn il-kotba tal-festi ma fihomx biss informazzjoni relatata mal-festi, pereżempju fejn jidħol l-armar u l-bqija, imma hemm ukoll artikli fuq l-istorja soċjali, l-istorja letterarja u l-istorja mużikali. Ħafna minn din ir-riċerka ssir minn dilettanti – jew inkella nies li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-istorjografi tar-raħal. Iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar qed jiġu inklużi artikli u riċerka magħmula minn esperti fil-qasam tal-mużika, tar-restawr, tal-arti u tal-istorja. Ħafna minnhom ikollhom konnessjoni mal-każin jew mas-soċjetà jew inkella mar-raħal inġenerali.

KPF
Kollezzjoni Programmi tal-Festa

Għaldaqstant bdejna norganizzaw ruħna u l-ewwel pass li ħadna kien li nikkuntattjaw b'ittra uffiċjali lil madwar mitejn u ħamsin każin, soċjetà, għaqda u parroċċa ta' Malta u Għawdex. Fl-ittra spjegajnielhom x'aħna nagħmlu u tlabniehom xi kopji tal-programmi moderni kif ukoll antiki. It-talba tagħna ntlaqgħet minn numru tajjeb ta' għaqdiet u b'hekk il-kollezzjoni tagħna bdiet tiżdied bil-mod il-mod. Il-kelma bdiet tinxtered u kkuntattjana kollezzjonist biex jara aħna konniex interessati f'xi programmi tal-festa duplikati li għandu. Dan spjegalna kif post iktar biex iżommhom ma kellux u xtaq jagħtihom lil xi ħadd biex jitgawdew imma fl-istess ħin il-kollezzjoni tibqa' magħquda. Aħna tal-Librerija sibna x-xoqqa f'moxtha u għamilna kuntatt miegħu. Bi pjaċir laqa' t-talba tagħna u rregalalna l-kollezzjoni tiegħu ta' madwar 1,000 ktieb!

Il-midja soċjali wkoll għenitna ħafna fil-ġbir tal-programmi. Permezz ta' grupp fuq Facebook bl-isem *Kollezzjoni Programmi tal-Festa*, irnexxielna niġbru aktar kotba, u kellna donazzjonijiet kbar oħra. M'hemmx għalfejn ngħidu li t-talba tagħna ġiet milqugħa b'entużjażmu kbir u kellna kummenti pożittivi ħafna. Apparti minn hekk, dan il-grupp għenna ħafna biex nibnu komunità ta' dilettanti u kollezzjonisti.

Kif wieħed jista' jara, din il-kollezzjoni hi bbażata fuq donazzjonijiet u sal-aħħar tas-sena 2022, bi pjaċir ngħidu li konna għaqqadna mas-7,000 programm ikkatalogat fuq is-sistema tal-Librerija. Il-fatt li din il-kollezzjoni hi organizzata u tinsab miġbura f'post wieħed jgħin ħafna biex ir-riċerkaturi jsibuha faċli jwettqu xogħolhom. Ta' min iżid ukoll li dawn ir-riċerkaturi jinkludu studenti minn diversi dipartimenti tal-Università, fosthom dawk li qegħdin jistudjaw il-Malti. Kemm-il darba lqajna t-talba ta' xi studenti biex jagħmlu użu minn din il-kollezzjoni. Ir-raġunijiet ivarjaw; ġieli jkollhom interess f'xi djalett, jew ikunu qed jiġbru xi terminoloġija partikolari, kif ukoll juru interess fit-tipa u d-disinjar tal-kotba antiki. Nistgħu nsemmu wkoll dawk l-istudenti li jkunu qed jistudjaw il-Malti li kien jintuża fir-reklami ta' ċertu perjodu! Il-lista tkompli!

Hawn jidħol sew ix-xogħol tagħna l-librara; dan għaliex ridna naraw kif se norganizzaw din il-kollezzjoni. Fil-fatt, il-kollezzjoni tagħna hi mqassma l-ewwel skont ir-raħal, wara skont il-festa, u fl-aħħar skont is-soċjetà, każin, għaqda jew parroċċa. Dan għaliex, kif tafu sew, hawn irħula b'iktar minn festa waħda! Kull festa tista' tgħid għandha numru apposta għaliha, dak li aħna nsejħulu 'Shelfmark'. Dan jgħin il-kollezzjoni tagħna tkun iktar aċċessibbli għaliex kemm aħna l-librara kif ukoll ir-riċerkaturi jkunu jistgħu jsibu l-pubblikazzjoni li għandhom bżonn iktar malajr.

L-eqdem pubblikazzjonijiet fiżiċi jmorru lura għall-1952 u inzertaw it-tnejn Għawdxin: Wieħed

tal-festa tal-Kunċizzjoni u l-ieħor tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja, li t-tnejn jiġu ċċelebrati fir-Rabat, Għawdex. L-iktar programm antik, però f'forma diġitali, huwa tal-festa tal-Assunta ġewwa l-Imqabba u jmur lura għall-1898. Programmi tal-2022 irnexxielna niġbru n-numru sabiħ ta' 195 – li jinkludi festi primarji kif ukoll dawk sekondarji.

It-tieni fażi tal-proġett tinvolvi l-għażla ta' artikli li huma ta' interess għall-kollezzjoni tagħna, niskenjawhom biex imbagħad jittellgħu fuq l-OAR@UM (www.um.edu.mt/library/oar) li huwa depożitorju elettroniku tal-Università ta' Malta. Dan jinvolvi ħafna xogħol min-naħa tal-librara tagħna, iżda fl-istess ħin hu xogħol interessanti mmens għaliex bis-saħħa tiegħu qegħdin nitgħallmu diversi affarjiet fuq l-istorja u l-kultura lokali! Meta dawn l-artikli jiġu mtellgħin se jkunu iktar faċli biex l-istudenti u r-riċerkaturi jsibuhom u jużawhom. Barra minn hekk, inkunu qed nesponu x-xogħol siewi tar-riċerkaturi, il-kittieba u s-soċjetajiet. Vantaġġ kbir li wieħed jista' jikkunsidra hu li dawn l-artikli jistgħu jsibuhom Maltin li jinsabu barra minn xtutna. Fil-fatt, kultant żmien, speċjalment fi żmien xi festa partikolari, inħobbu naqsmu mal-grupp tagħna fuq Facebook xi artiklu minn dawn, biex naqsmu l-informazzjoni interessanti li jkun fihom, kif ukoll inqajmu iktar interess fil-kollezzjoni tagħna.



Permezz ta' dawn l-artikli diġitali, irnexxielna nżidu mal-għodda tagħna l-librara. Dan għaliex ħloqna diversi listi li jistgħu jintużaw bħala kliem muftieħ mir-riċerkaturi.. Dawn il-listi jinvolvu terminoloġiji tipiċi għal Malta li apparti jiffaċilitaw ix-xogħol tal-librara, jgħinu biex iżidu l-aċċessibiltà ta' dawn l-artikli, fost oħrajn. Apparti minn hekk għandna lista partikolari li fiha rnexxielna nniżżlu 'l fuq minn 900 knisja u kappelli Maltin. Dawn jinkludu knejjes u kappelli li għadhom jeżistu kif ukoll dawk li ġew pprofanati jew intilfu maż-żminijiet. Lista oħra interessanti hi dik tal-bijografiji Maltin. Din il-lista hi bbażata fuq id-dizzjunarju ta' Michael Schiavone *"Dictionary of Maltese Biographies: Vol 1 & 2"(PIN: 2009)* iżda aħna komplejna nżidu fuqha.

Nixtieq nagħlaq dan l-artiklu billi nirringrazzja lit-team kollu tal-Librerija tal-Junior College kif ukoll lil kull min għenna s'issa u ta l-kontribut tiegħu. Imma l-iktar messaġġ importanti hu li huwa vera li min jfittex isib! Min ikun qed jagħmel ir-riċerka fuq pajjiżna għandu jgħodd din il-kollezzjoni bħala riżorsa ta' infomazzjoni importanti ħafna.

Preżentament, fil-kollezzjoni tagħna wieħed jista' jsib il-pubblikazzjonijiet maħruġin mill-




*Il-kollezzjoni ta' kotba tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq li nsibu fil-librerija tal-Junior College fl-Imsida.*

Għaqda Mużikali San Ġużepp mill-1989 sal-2022. Ma' pubblikazzjonijiet eqdem minn dawk tal-1989 s'issa ma ltqajniex, però nistednukom tikkuntattjawna jekk forsi għandkom materjal relatat mal-festa biex inkomplu nkabbru l-kollezzjoni. Inżid ukoll li bħalissa



għandna ħafna kotba dupplikati. Dawn qegħdin noffruhom lill-kollezzjonisti oħrajn b'xejn jew inkella npartuhom!

Il-Librerija tagħna hi miftuħa kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa, anke fil-vaganzi tas-sajf! Min jixtieq jagħmel kontribut, jiġi jara l-kollezzjoni jew jixtieq jikseb iktar tagħrif fuq dan il-proġett jista jikkuntattjana billi jibgħatilna fuq l-indirizz elettroniku juniorcollege.lib@um.edu.mt jew iċemplilna fuq 2590 7237.